MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 101

1 ta' Ottubru 2018

Minuti tas-seduta Nru. 101 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li permezz ta' imejl datat 27 ta' Settembru 2018, għarraf li ma jistax jattendi. Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 100 tal-11 ta' Settembru 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Servizz tal-*Cable Car* (P/4/32)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta'qabel u għarraf li fit-12 ta' Settembru 2018 saret laqgħa mad-Direttur tal-Ippjanar il-Perit Chris Borg dwar l-aspetti li tidħol fihom l-Awtorità tal-Ippjanar fuq proposta ta' din ix-xorta. Ingħata parir li minbarra studji dwar il-vijabilità ta' dan l-investiment, għandu jsir kuntatt ma' Transport Malta sabiex isir magħruf kif dan jinkwadra fil-pjan streġiku li għandu l-Gvern dwar it-trasport pubbliku. Flimkien mas-Sindku attendew, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. *Bus Shelter* fi Triq il-Kbira (B/6/Vol V)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u l-Kunsill ġie mgħarraf li fil-25 ta' Settembru 2018 saret laqgħa fuq il-post u ntlaħaq qbil dwar fejn għandu jsir *bus shelter* żgħir li ma jxekkilx l-aċċess bil-vetturi għall-proprjetà privata. Il-pass li jmiss huwa li ssir

applikazzjoni minn Transport Malta mal-Awtorità tal-Ippjanar. Għal din il-laqgħa attendew il-proprjetarju s-Sur J. Borg, uffiċjal minn Transport Malta is-Sur B. Chircop, is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ser tittieħed.

## 2.3.1. Tqassim ta' *bins* għas-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal imejl datat 14 ta' Settembru 2018, mibgħut mill-Wasteserv (Malta) Ltd, fejn ingħataw aktar dettalji dwar is-separazzjoni tal-iskart li ser tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru 2018. Fl-istess imejl intqal li:

- Ser jitqassmu *bins* għall-iskart organiku flimkien ma' boroż addattati għalihom u fuljetti b'tagħrif dwar kif għandu jiġi separat l-iskart;
- Il-kuntrattur ser iqassam il-*bins* bieb-bieb filgħodu u f'każ li ma jkun hemm ħadd fid-dar terġa' issir żjara oħra wara nofsinhar. Wara li jsir dan, isiru kuntatti mal-Kunsill Lokali sabiex jiġi determinat il-metodu kif ser jitqassmu l-*bins* li jkun fadal;
- Wasteserv ser tħallas lura lill-Kunsill tal-ġabriet li jsiru fuq perjodu ta' tliet ġimgħat fir-rigward tal-iskart organiku;
- L-iskart organiku li jinġabar nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa jrid jittieħed f'waħda mill-faċilitajiet li għandha l-Wasteserv għal dan il-għan;
- Nhar ta' Tnejn filgħodu jinġabar l-iskart organiku u l-iskart imħallat fil-borża s-sewda. L-ewwel ġabra tkun tal-iskart organiku;
- Taħlit ta' skart differenti ser ikun projbit;
- Il-borża s-sewda tal-iskart imħallat mhux ser tinġabar nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa;
- Erba' reċipjenti ser jitqassmu bil-għan li jiffaċilitaw is-separazzjoni tal-iskart u hekk jiġu pprovduti l-għodda meħtieġa. Dawn ser iservu biex jitqiegħed: (a) il-ħġieġ; (b) l-iskart riċiklabbli; (ċ) skart sanitarju; u (d) l-iskart imħallat li jista' jinkludi skart perikoluż, li wara jittieħed fis-*civic amenity sites*; u
- Dawn l-erba' reċipjenti jistgħu jitqiegħdu fuq xulxin. Magħhom ser jitqassam materjal informattiv, li jinkludi l-iskeda tal-ġbir.

2.3.3. Il-Kunsill intalab jikkonsidra li l-ġbir jibda fis-7.00 am skont l-iskeda li tidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn | Organiku (Bajda) | Imħallat (Sewda) |
| It-Tlieta | Riċiklabbli (Griża) | |
| L-Erbgħa | Organiku (Bajda) | |
| Il-Ħamis | Riċiklabbli (Griża) | Imħallat (Sewda) |
| Il-Ġimgħa | Organiku (Bajda) | Ħġieg fl-ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xahar |
| Is-Sibt | Imħallat (Sewda) | |

2.3.4. Il-Kunsill approva l-iskeda u talab li tiġi mgħoddija lill-Wasteserv sabiex ikun jista' jiġi stampat il-materjal informattiv.

**2.4.1. Servizz ta' infurzar offrut mill-*Cleansing Services Division* u l-*LESA* (W/3/Vol XI)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 4.12.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-ħinijiet li fihom għandu jintalab servizz ta' infurzar mill-uffiċjali tal-*Cleansing and Maintenance Division u l-LESA* ikun għal żmien ta' prova kif jidher hawn taħt:

| Dati | Ħinijiet | Ħin (Siegħat) | Spiża għall-Kunsill |
|---|---|---|---|
| 15-16/10/2018 | 08:00 – 13:00 | 5 | €100.00 |
| 17-18/10/2018 | 08:00 – 13:00 | 5 | €100.00 |
| 19-20/10/2018 | 08:00 – 13:00 | 5 | €100.00 |
| 20/10/2018 | 10:00 – 14:00 | 4 | €80.00 |
| 22-23/10/2018 | 08:00 – 13:00hrs | 5 | €100.00 |
| 24-25/10/2018 | 08:00 – 13:00hrs | 5 | €100.00 |
| 26-27/10/2018 | 08:00 – 13:00hrs | 5 | €100.00 |
| 27/10/2018 | 10:00 – 14:00hrs | 4 | €80.00 |

2.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**2.5.1. Servizz ta' kiropodista (M/8/Vol VI)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.18.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li fit-28 ta' Settembru 2018, is-Sindku u l-Kunsillier J. Attard, flimkien magħha ltaqgħu ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, is-Sinjuri Ivan Farrugia, Andrew Scicluna u Jacquiline Cutajar. Il-laqgħa kienet tittratta l-għoti tas-servizz imsemmi fil-Berġa tal-Mellieħa. Hija qalet li dawn għandhom jirrappurtaw lis-superjuri tagħhom, dwar it-talba li qed jagħmel il-Kunsill.

2.5.3. Is-Sindku għarraf li permezz ta' imejl datat 28 ta' Settembru 2018, huwa talab lid-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa, l-Onor. Dr Chris Fearne, sabiex jikkonsidra ż-żieda ta' servizzi li jingħataw mill-Berġa tal-Mellieħa, peress li d-daqs tagħha jippermetti dan. Huwa qal li l-berġa għandha l-potenzjal biżżejjed biex isservi ta' ċentru għan-naħa ta' fuq ta' Malta, u b'hekk tnaqqas il-pressjoni fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

2.5.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1. Spazju riżerat għall-vettura tal-pulizija (F/2/2/Vol I)**

3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal imejl datat 24 ta' Settembru 2018, mibgħut mill-Pulizija tad-Distrett dwar l-okkupazzjoni tal-ispazju msemmi minn bejjiegħ partikulari waqt il-Festa tas-Santwarju. Is-Sur Bartolo staqsa dwar x'kien jinvolvi eżattament dan il-każ.

3.3. Is-Segretarju spjega li fil-ħruġ tal-permess in kwistjoni ma kien hemm xejn ġdid, għaliex is-sit jinżamm minn sena għal'oħra, filwaqt li jiġi allokat lill-istess bejjiegħ, sakemm dan ma jċediħx. Dan isir skont il-proċedura stabbilita fl-Artiklu 10(8) tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali (L.S. 441.04), skont pjanta miftehma mal-bejjiegħa li ġew spusstjati 'l barra minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa fl-2013. Is-sit in kwistjoni jidher immarkat A12b fuq l-istess pjanta. Il-postijiet kollha ġew immarkati bl-i*spray* mal-art

mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fil-31 ta' Awwissu 2018, u allura kien hemm żmien biżżejjed biex il-Pulizija fl-għassa tal-Mellieħa jitolbu li jsiru arranġamenti alternattivi. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li forsi jkun tajjeb jekk jiġi ndikat post, eż. fejn il-*pedestrian crossing*, li hemm quddiem l-Għassa, sabiex jiġi riżervat għall-vettura tal-Pulizija dakinhar li jkun hemm il-Festa tas-Santwarju.

3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/08/18 – 25/09/18
- *Purchase Request Form* – 28/09/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/09/18 – 28/09/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ipparkjar ta' vetturi fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XV)

5.1.2. Saret referenza għal minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie nfurmat li fit-12 ta' Settembru 2018 saret spezzjoni fi Triq Anthony Sammut mis-Sindku, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Minnha rriżulta li kemm-il darba jitneħħa l-ipparkjar minn fuq naħa waħda qrib il-kantuniera ma' Triq Ta' Masrija, dan għandu jiġi kkumpansat billi jerġa' jitħalla pparkjar qrib il-kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

5.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-arranġament eżistenti għandu jinżamm, peress li diġa tnaqqas spazju biex tjieb l-aċċess għal garaxx fejn tinżamm karozza tal-linja.

### 5.2.1. Tneħħija ta' blokki minn sit fi Triq l-Ghar u Casa (P/5/2/Vol II)

5.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fis-27 ta' Settembru 2018, saret laqgħa li għaliha attendenta d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura l-Perit R. Farrugia, l-Avv. M. Sammut, is-Sinjuri G. Buttigieg u V. Muscat mill-istess Dipartiment, flimkien mas-Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u sid l-art in kwistjoni, is-Sur J. Quattromani.

5.2.3. Fl-istess laqgħa ġie spjegat li l-ispejjeż illi saru kemm mid-Dipartiment, kif ukoll mill-Kunsill b'rabta mal-intervent li sar fi Triq l-Għar u Casa, iridu jiġu rkuprati mingħand sid l-art. Dan peress illi dakinhar li sar intervent is-sidien baqgħu mhux magħrufa, minkejja li l-Pulizija kienet ġiet mitluba biex tindaga dwarhom. Sussegwentement kien anke sar avviż fil-gazzetta tal-Gvern. L-ispiża minn naħa tal-Kunsill kienet tammonta għal €2,046.70, filwaqt li dik illi saret mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastrutura kienet telgħet għal €39,909. Mill-istess laqgħa rriżulta li l-blokki tqegħdu f'aktar minn qatgħa waħda u għalhekk l-intervent li sar jinvolvi aktar minn sid wieħed.

5.2.4. Il-Kunsill innota l-kuntatti li saru u kien tal-fehma illi għandu jittieħed parir legali dwar kif għandu jipproċedi.

### 5.3.1. Allegat danni kkawżati fuq vettura fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

5.3.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 99, dwar talba mis-Sur Matthew Borg li allegatament ġarrab ħsara fuq it-*tyre* tal-vettura tiegħu li tammonta għall-€104. It-talba kienet ġiet rifjutata peress li s-Sur Borg naqas milli jagħti d-dettalji tal-vetturi tiegħu, kif ukoll ir-rapport tal-Pulizja.

5.3.3. Is-Segretarju għarraf li s-Sur Borg ippreżenta rapport tal-Pulizija, kif ukoll riċevuta li turi illi vettura tiegħu ġiet irmunkata minn fuq il-post fid-data l ġara l-inċident.

5.3.4. Il-Kunsill approva l-ħlas mitlub.

## 5.4.1. Korsijiet dwar risuxxitazzjoni kardiopulmonari (M/8/Vol VI)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Settemru 2018, fejn uffiċjali mid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei għarrfu li qed jaħdmu fuq proġett intiż biex itejbu l-għarfien fil-komunità dwar risuxxitazzjoni kardiopulmonari. Biex jintlaħaq dan il-għan, qed joffru korsijiet mingħajr ħlas bis-sehem tal-Kunsilli Lokali sabiex iħeġġu lir-residenti jattendu għal dawn il-korsijiet li jsiru nhar ta' Sibt bejn id-9.00 am u nofsinhar.

5.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'din l-inizjattiva u għalhekk talab li jingħata xi *artwork* illi jista' sar ħalli tingħata pubbliċità.

## 5.5.1. Sistemi ta' *one-way* fit-triq tal-Wied ta' Rdum u f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (T/4/13/Vol XV)

5.5.2. Is-Sur J. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq il-materji msemmija hawn fuq fis-Seduta Nru. 97 tat-18 ta' Ġunju 2018. Il-proposti li saru ġew trattati mill-Bord tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta fl-1 ta' Ottubru 2018, fejn attenda huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa kkummenta li dwar il-*one-way* f'Misraħ il-Parroċċa, il-Bord deher li kien qed jaqbel mal-proposta fil-prinċipju, iżda ma qabilx li jkun hemm dħul dirett minn Triq Dun Manwel Grima għall-misraħ, lanqas għall-ipparkar.

5.5.3. Is-Sindku għarraf ukoll li l-Bord deher li qabel mal-proposta sabiex tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku fit-triq tal-Wied Ta' Rdum. Huwa qal ukoll li sar suġġeriment minn membru tal-bord sabiex issir talba uffiċjali dwar it-twessiegħ tal-parti d-dejqa ta' Triq il-Mellieħa li tinsab bejn Triq Lewis Wettinger u l-ġibjun f'Tat-Tomna.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1. Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)(T/3/3/Vol V)

5.6.2. Is-Sindku stqarr li permezz ta' imejl datat 12 ta' Settembru 2018 huwa għarraf lill-President tal-GRTU – Malta Chamber for SME's - dwar il-proposta li jiżdiedu żewġ livelli oħra fil-parkeġġ taħt l-iskola primarja, kif ukoll li ssir mina pedonali li tinfed għal Triq Ġorġ Borg Olivier. Fi tweġiba li ngħatat fid-29 ta' Settembru 2018, il-unjon esprimiet l-appoġġ tagħha għal din il-proposta, iżda ntqal ukoll li l-parkeġġ taħt l-iskola għandu jikkumplimenta l-ispażju eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier u bl-ebda mod ma għandu jissosstitwieħ.

5.6.3. Il-Kunsill innota l-pożizzjoni addotata mill-GRTU, filwaqt li kien hemm qbil li laqgħa oħra għandha ssir mad-diriġenti tal-istess unjon hekk kif jinbeda l-proġett.

5.6.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-proposta tal-parkeġġ b'aċċess għal Triq Ġorġ Borg Olivier ġiet spjegata lill-Bord tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta waqt laqgħa li saret fl-1 ta' Ottubru 2018. Fl-istess laqgħa, huwa esprima t-tħassib tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' superviżjoni tat-traffiku minn naħa tal-LESA matul ix-xhur tas-sajf. Dan minkejja diversi tabelli li saru minn Transport Malta matul it-toroq ewlenin. Għall-istess laqgħa attendew ukoll il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

## 5.7.1. Jum in-Nanniet u Jum il-Ktieb (A/1/1/Vol II)(A/5/3/Vol XII)

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fix-xahar ta' Novembru 2018 jaħbtu Jum in-Nanniet u aktar tard, f'April 2019, jiġi Jum il-Ktieb. Għal dan il-għan hija qalet li jeħtieġ issir laqgħa mal-Kap il-ġdida tal-Iskola Primarja billi dawn iż-żewġ attivitajiet ser jinvolvu t-tfal.

5.7.3. Il-Kunsill innota u approva l-iniżjattivi proposti.

**5.8.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-*bin*i fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)**

5.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-Perit Carmel Cacopardo, bħala konsulent imqabbad mill-Kunsill, attenda għas-seduta tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn ġiet trattata l-applikazzjoni msemmija hawn fuq. L-avukat li rrappreżenta l-applikanti spjega b'mod kronoloġiku r-raġunijiet li wasslu għall-proposta tagħhom. Il-Perit C. Cacopardo, minn naħa l-oħra, qal li r-rakkomandazzjoni li saru fir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp jagħmlu sens, billi aktar studji huma meħtieġa sabiex jiġi stabbilit l-impatt ta' ambjentali. Dan billi l-proposta tinvolvi l-eliminazzjoni ta' numru ta' speċi u siġar maturi protetti u l-ekoloġija fl-inħawi. Il-Kumitat Eżekuttiv ibbażata d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp u rrifjuta t-talba. Flimkien mas-Sindku J. Buttigieg, attendew il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, flimkien ma' għad ta' residenti tal-madwar.

5.8.3. Is-Sindku kkummenta li din id-deċiżjoni ma tfissirx li ma jistax isir ebda żvilupp, għaliex l-art in kwistjoni ddaħħlet fl-iskema tal-iżvilupp bl-approvazzjoni tal-Pjan Lokali fl-2006. Għaldaqstant, kwalunkwe talba li tista' ssir aktar 'il quddiem tkun tinvolvi biss it-tip ta' żvilupp li għandu jsir. Is-Sur J. Buttigieg innota wkoll li l-applikanti għad m'għandhomx titlu fuq l-art f'Tal-Ibraġġ, minkejja li l-proprjetà tagħhom fi Triq l-Għar u Casa kienet tneħħiet mill-iskema tal-iżvilupp.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Premju Anzjanità Attiva 2018 (A/1/3)**

5.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li s-serata tal-preżentazzjoni tal-premju msemmi ser issir fil-5 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm fil-lukanda Qawra Palace.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. PC 0026/14 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)**

5.10.2. Saret referenza għall-applikazzjoni mis-sid ta' art li tinsab fil-post indikat li qed jitlob t-tneħħija ta' triq skemata biex l-art tkun tista' tinbena. Is-Sindku qal li din ġiet rifjuta mill-Bord tal-Ippjanar fil-25 ta' Settembru 2018.

5.10.3. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill oġġezzjoni għal din it-talba permezz ta' rappreżentazzjoni li saret fil-31 ta' Diċembru 2014, għar-raġuni li d-distanza bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill hija konsiderevoli u għalhekk minħabba raġunijiet ta' aċċess il-Kunsill deherlu li jkun jagħmel sens li titħalla traversa oħra bejn l-istess toroq. Din id-deċiżjoni kienet ittieħedet sabiex ma jinħoloqx preċedent li ċertament jagħti lok għal talbiet simili, anke fl-istess żona.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1. Korsijiet kordinati mill-Kunsill (E/3/1/Vol III)**

5.11.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li ser jitnedew il-korsijiet segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Nutrizzjoni | It-Tnejn | 5.30pm – 7.30pm |
| Lingwa Maltija għall-barranin | It-Tlieta | 9.00am – 12.00pm |
| Lingwa Ingliża għall-barranin | L-Erbgħa | 5.00pm – 8.00pm |
| Lingwa Maltija għall-barranin | Il-Ħamis | 5.00pm – 8.00pm |
| *Line Dancing* | Il-Ġimgħa | 7.00pm – 8.30pm |

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 (F/5)**

5.12.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser issir bejn is-7 u t-11 ta' Novembru 2018 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

5.12.3. Is-Sur D. Vella appella sabiex il-Kunsillieri u persuni oħra li soltu jagħtu daqqa t'id, jattendu fl-i*stand* tal-Kunsill.

**5.13.1. Użu tal-Park tal-Familja (T/14)**

5.13.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 21 ta' Settembru 2018, fejn is-Sinjura Clair Meli talbet li tuża waħda mill-kmamar fil-Park tal-Familja sabiex ikunu jistgħu jingħataw taħditiet mingħajr ħlas dwar l-użu ta' żjut essenjali għall-ġisem.

5.13.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba minħabba l-element kummerċjali li jista' ikollhom dawn it-tip ta' inizjattivi.

**5.14.1. Kors fix-xogħol tal-bizzilla (E/3/1/Vol III)**

5.14.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li bħalma sar fl-2017, il-Kunsill intalab jipprovdi għalliema sabiex jerġa jsir kors fix-xogħol tal-bizzilla flimkien mal-Ladies Craft Circle.

5.14.2. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**5.15.1. Attivitajiet marbuta mal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat stellini rreferiet għal imejl datat 12 ta' Settembru 2018 mibgħut mill-kordinattriċi tal-proġett *"Naqsam il-Muża"* li qed isir bħala parti mill-Valletta 18. Spjegat li dan il-proġett diġa twettaq mal-Kunsilli Lokali ta' Valletta, Marsa, Kalkara, Gżira, Siġġiewi, Ħad-Dingli, Marsascala u Għajnsielem. Dan jinvolvi għaxar parteċipanti mil-lokalità. Il-proġett ikun maqsum fi tliet fażijiet, ossija li:

- Intervisti lill-parteċipanti;
- *Workshop* mal-parteċipanti fejn jiġu mitluba jagħżlu u jirriproduċu xi xogħol tal-arti li wieħed isib fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti;
- Isir *workshop* ieħor fejn il-parteċipanti jippreżentaw l-għażla tagħhom lill-persuni li jkunu stiednu;
- Iż-żewġ *workshops* jistgħu jattendu għalihom membri tal-komunità;
- Ir-riproduzzjonijiet tax-xogħlijiet tal-arti li jintgħażlu jitpoġġew f'post li jkun aċċessibbl mill-komunità. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn kitba li tispjega r-raġunijiet għaliex ix-xogħlijiet ikunu nstabu relevanti.

5.15.3. Il-Kunsill kien fid-dubju kemm jista' jinstab in-numru ta' parteċipanti ndikat, u għalhekk deherlu li jkun diffiċli li jieħu sehem.

5.15.4. Il-Viċi Sindku D Vella qal li huwa ġie avviċinat minn diriġent tal-Valletta 18 li appella sabiex il-Kunsill iħajjar lir-residenti jattendu l-attività Orfeo & Majnun, li essenjalment hija sfilata li tiżvolgi fil-belt Valletta fis-27 ta' Ottubru 2018 bejn l-4.30 pm u l-11.00 pm. Din tikkonsisti minn taħlita ta' pupazzi tal-annimali, animati mill-parteċipanti tal-*workshop* Orfeo & Majnun, akkumpanjati minn mużika, żfin, rappreżentazzjonijiet qosra, rakkont ta' stejjer eċċ.

5.15.5. Il-Kunsill qabel li jipprovdi trasport mingħajr ħlas skont in-numru ta' persuni li jkunu nteressati li jattendu.

**5.16.1. Kunċert fuq l-arpa fil-Knisja tal-Manikata** **(S/6/Vol IV)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li fid-19 ta' Ottubru 2018 fis-7.00 pm ser isir kunċert mill-mezzo soprano Althea Troisi de Menville akkumpanjata fuq l-arpa minn Letitia Troisi de Menville, flimkien ma' mużiċista oħra mil-Latvja, proprju minn post jismu Malta. Hija pproponiet li jiġi pprovdut transport mill-Mellieħa skont in-numru ta' persuni li jkunu nteressat illi jattendu.

5.16.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment.

**5.17.1. PC 0100/18 – Bdil fil-linja tal-*bin*i f'Taraġ Snajjin** **(P/5/8/S)**

5.17.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bdil fil-linja ta' *bin*ja li tinsab f'taraġ Snajjin kantuniera ma' Triq Snajjin. Din tibda mix-xejn u tiftaħ sa 0.22 'il barra fil-kantuniera.

5.17.3. Wara li l-Kunsill il-pjanti, ma sabx oġġezzjoni għall-proposta.

**5.18.1. Faċilita ta' ħatt u tagħbija fi Triq in-Nasses** **(T/3/2/Vol XV)**

5.18.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-ħanut "Il-Mitħna" illi ppropona li l-*un/loading bay* li hemm quddiem l-istess ħanut tiġi spusstjata għan-naħa l-oħra tat-triq. Dan peress li meta jiġu pparkjati vetturi kbar, dawn jgħattu parti kbira mill-faċċata tal-ħanut, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra mhemmx aperturi, fejn hemm il-Valyou Supermarket.

5.18.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**6.1. Wirjiet pirotekniċi minn proprjetà tal-Knisja** **(F/2/Vol VII)**

6.2. Is-Segretarju fakkar li saru rappreżentazzjonijiet mal-għaqdiet volontarji u ż-żewġ kumitat politiċi tal-lokalità fejn ġiet spjagata l-proposta tal-Kunsill li l-kwistjoni tiġi studjata minn kumitat tekniku maħtur mill-Kurja. Huwa qal li sad-data tas-seduta kien hemm rispons mill-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista u miċ-Ċentru Laburista, permezz ta' imejl u ittra datati 14 u 21 ta' Settembru 2018 rispettivament. It-tnejn esprimew l-appoġġ tagħhom għall-proposta tal-Kunsill.

6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġibed l-attenzjoni mill-ġdid ta' dawn l-għaqdiet li għadhom ma wieġbux sabiex jagħmlu hekk sad-19 ta' Ottubru 2018.

**7.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet 1/2018 dwar installazzjoni ta' sistemi ta' arja kondizzjonata fis-Sala tal-Kunsill u fil-Librerija Pubblika**
**(K/1/2/Vol V)(L/3/Vol III)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fit-13 ta' Settembru 2018 u kien hemm tliet offerti li kienu kif ġej:

| Offerent | ıiża mingħajr il-VAT (€) |
|---|---|
| Service s.r.l. | 40,355.00 |
| Kencar | 5,962.00 |
| Whitefrost Co. Ltd | 7,717.50 |

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-dokumentazzjoni relatat ġiet mgħoddija lill-konsulent. Dan talab aktar kjarifiki mingħand l-offerenti, liema mistoqsijiet ġew mgħoddija lill-offerenti permezz tal-ePPS.

7.4. Il-Kunsill qabel li l-istimi illi saru jiġu evalwati wara li jitħejja r-rapport tekniku minn kumitat kompost mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni fl-10 ta' Ottubru 2018 fil-5.30 pm.

**8.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet 3/2018 u 5/2018 dwar tiżjin bid-dwal għall-Milied 2018 u l-Ewwel tas-Sena 2019 fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira. (T/4/15)**

8.2. Is-Segretarju għarraf fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira daħlu stimi kif ġej:

| **Offerenti (Triq Ġ. Borg Olivier)** | **Spiża mingħajr l-VAT (€)** |
|---|---|
| Carl Caruana | 2,920.00 |
| Mical Med Ltd | 3,300.00 |

| **Offerenti (Triq il-Kbira)** | **Spiża mingħajr l-VAT (€)** |
|---|---|
| Carl Caruana | 1,460.00 |

8.3. Il-Kunsill qabel li l-istimi jiġu evalwati minn kumitat kompost mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni fl-10 ta' Ottubru 2018 fil-5.30 pm.

**9.1. Sejħa sabiex tingħata konċessjoni dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/11)**

9.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Settembru 2018 mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), kif ukoll għall-Ċirkulari 8/2018 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, Monitoraġġ u Sapport, dwar is-suġġett t'hawn fuq. It-tnejn qed jesiġu li l-Kunsilli Lokali għandhom ikollhom ftehim fis-seħħ ma' xi waħda mill-iskemi li jiġbru l-iskart tal-ippakkeġġjar. Tali ftehim għandu jsir taħt forma ta' konċessjoni wara li ssir sejħa pubblika permezz tal-ePPS, li tingħata lil dak l-offerent li joffri l-għola prezz. Kemm-il darba ma jkunx hemm rispons, l-ERA tassenja skema hi sabiex is-servizz jingħata xorta waħda.

9.3. Is-Segretarju għarraf li l-ftehim illi l-Kunsill għandu fis-seħħ ser jiskadi f'Jannar 2019 u dan kien ingħata skont il-Memo 33/2015 datat 7 ta' Diċembru 2015. F'dan l-istadju huwa mportanti li l-Kunsill jistabilixxi r-rekwiżiti tiegħu sabiex tkun tista' issir sejħa għall-konċessjoni.

9.4. Il-Kunsill qabel li ħtiġijiet tiegħu bħala servizzi għandhom ikunu kif ġej:

(a) Il-konċessjonarju jkun responsabbli mill-ġbir tal-iskart *domes*tiku riċiklabbli minn żoni urbani fil-Mellieħa u l-Manikata u postijiet rurali oħra eż: fl-Għadira; Għerien il-Ħida eċċ;

(b) Il-ġbir isir bieb-bieb permezz ta' żewġ *scammels* simultanjament, fil-ġranet li jiġu ndikati mill-Kunsill, jew awtoritajiet regolatorji.

(c) Il-*domes* fil-*brings-in sites* kollha jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa irrispettivament mil-kontenut tagħhom;

(d) Id-*domes* eżistenti jridu jinbidlu ma' *bins-on-wheels*, sabiex jiġi żgurat li n-numru tagħhom fil-lokalità ma jonqosx;

(e) Jitbattlu *bins* li jippermettu s-separazzjoni tal-iskart, li aktar-il quddiem ser jitqiegħdu f'postijiet pubbliċi;

(f) Jingħata servizz li jinvolvi ġbir ta' ħġieġ bieb-bieb fl-ewwel u t-tielet ġimgħa ta' kull xahar;

(g) Il-konċessjonarju jiddispondi mill-iskart *domes*tiku riċiklabbli kollu li jinġabar fil-faċilitajiet awtorizzati biss;

(h) Jipprovdu boroż ġriżi mingħajr ħlas għall-użu mir-residenti, fi kwantijajiet skont l-istatistika uffiċjali dwar in-numru ta' djar reġistrati fil-lokalità;

(i) Tqassim ta' *bins* lill-operaturi ta' barijiet u ristoranti sabiex issir ġabra direttament mingħandhom, sakemm dawn l-istabbilimenti mhumiex obbligati li jqabbdu kuntrattur privat biex jagħmel dan;

(j) Inċentivi fiskali sabiex ir-residenti jiġu nkoraġġiti jisseparaw l-iskart.

**10.1. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill – Produzzjoni ta' *Musical*** **(A/5/3/Vol XIII)(S/6/Vol IV)**

10.2. Is-Sindku fakkar li l-produzzjoni tal-*musical* teħtieġ is-servizz ta' direttur artistiku u għaldaqstant sar kuntatt mas-Sur Giovann Attard li huwa persuna rinomata f'dan il-qasam. Huwa qal li għal dan is-servizz intalab ħlas ta' €1,534 bil-V.A.T. inkluża.

10.3. Il-Kunsill approva l-istima mogħtija.

10.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bam*bin*a u ċ-Ċentru Laburista nfurmaw li jixtiequ jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-25 Anniversarju.

10.5. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 28 ta' Settembru 2018, mibgħuta mill-Mellieħa Youths fejn intqal li l-musical "Imma Dari Konna Aħjar", li kienu ser jagħmlu huma f'Settembru 2018, issa ġie pospost sabiex isir fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Huma appellaw għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan.

10.6. Il-Kunsill iddeċieda li kemm-il darba l-Mellieħa Youth jtellgħu l-*musical* "Imma Dari Konna Aħjar", flimkien mal-pantomima li normalment issir f'Diċembru, il-kontribut tal-Kunsill ikun sa massimu ta' €400, filwaqt li kemm-il darba jsir il-*musical* biss, l-ammont għandu jinżel għal €300.

10.7. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir laqgħa mas-Sur Philip Vella fl-10 ta' Ottubru 2018 sabiex jiġi stabbilit il-progress li ġie reġistrat dwar il-*musical* "Naħal tal-Imħabba".

10.8. Ġie diskuss it-tip ta' mafkar li għandu jsir biex jitfakkar dan l-anniversarju. Kien hemm qbil li dan għandu jsir fi Ġnejnet il-Kunsill u jkun jikkonsisti minn fiġura jew figuri umani. Kien hemm qbil ukoll li għandu jiġi kkuntattjat is-Sur Frankie Bartolo.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 28 ta' Settembru 2018.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn it-30 ta' Awwissu u l-25 ta' Settembru 2018.

11.5. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 11 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

11.6. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 u t-28 ta' Settembru 2018.

11.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-erba' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10.20 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**